*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,241, 15 ta' Frar, 1984*

*Taqsima C*

**Nru. 61**

15. 2. 84

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-8 ta' Frar, 1984.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 8th February, 1984.

**AN ACT further to amend the Entertainments Tax Act, 1974.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5A) Ma għandha tiġi mposta ebda taxxa fuq xi wirja bil-mezz ta' *projector* ta' films bil-video, organizzata mill-proprjetarju ta' lukanda, ristorant jew stabbiliment li jipprovdi ikel hekk liċenzjat mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Abbozz jipprovdi għal eżenzjoni minn taxxa fuq id-divertimenti għal wirjiet ta' films bil-video f'ċerti stabbilimenti liċenzjati.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Entertainments Tax Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Entertainments Tax (Amendment) Act, 1984, and shall be read and construed as one with the Entertainments Tax Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

**2.** Immediately after subsection (5) of section 8 of the principal Act there shall be added the following new subsection: Amendment of section 8 of the principal Act.

"(5A) No tax shall be charged on any show by means of a video film projector, organized by the proprietor of a hotel, restaurant or catering establishment licensed as such by the Hotels and Catering Establishments Board.".

---

## Objects and Reasons

The Bill provides for exemption from entertainment tax on video film shows in certain licensed establishments.